# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar l-24 ta' Gunju, 2024

Avviz tat-Talba numru: 85/2023 CL

**Gordon's Moto Dealer Limited (C31490)**

**VERSUS**

**Moad Swoussi Ab Altillisi (KI nru 179768A)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-16 ta' Marzu 2023 fejn is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut jigi ikkundanat jhallas is-somma ta' elf tmien mija u hamsa u disghin euro u erbgha u erbghin centezmu (€1,895.44), ammont rapprezentanti l-bilanc pendenti u minnu dovut in konnessjoni mal-bejgh lilu ta' scooter ta' l-ghamla Honda u mudell New PCX, fit-12 ta' April 2021. L-ammont ghadu dovut u ma thallasx minkejja diversi interprellanzi. Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali bin-numru ta' referenza 3199/2022 datat 5 ta' Dicembru 2022, u bl-imghaxijiet legali mit-12 ta' Jannar 2022 sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li ghad li debitament notifikata bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenut naqas milli jipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi u ghalhekk fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2023, gie iddikjarat illi kien kontumaci, ghalkemm deher aktar tard. Fis-seduta ssugwenti tat-22 ta' Novembru 2023, deher il-konvenut, assistit mill-avukat, fejn il-partijiet talbu differiment sabiex jaraw kienx hemm possiblita' ta' tranzizzjoni. Sfortunatament il-partijiet ma waslux fi ftehiem u ghalhekk fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2024 xehed Gordon Micallef fejn ikkonferma li Moad Swoussi Altillisti kien xtara mutur Honda TCX 125 ghal prezz ta' €3250 bil-*hire purchase* u kellu jaghmel pagament ta' €149 fix-xahar. Kien ghamel xi pagamentu u kien fadal bilanc ta' €1163.49 ghax kien ghamel pagament

iehor wara li rcieva il-kawza odjerna.  Giet ipprezentata nota b'kopja tal-ftehiem u tal-ittra ufficjali u s-socjeta irriduciet t-talba taghha ghal €1163.49.

It-Tribunal jikkunsidra;
Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – (a) Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is- smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis."

Minn qari ta' din ic-citata disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma' lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Fil-kaz prezenti, l-konvenut gie debitament notifikat bl-atti processwali. Minkejja tali notifika, il-konvenut la ressaq risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi ghalkemm deher aktar tard quddiem it-Tribunal fl-udjenza li kienet tmiss wara n-notifika lilu ta' l-atti. Tali konvenut ghalhekk, kien fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-udjenza tas-6 ta' Novembru, 2023. Fis-seduta ssugwenti il-konvenut deher assistit minn avukat li ghamlu tentattivi ta' tranzazzjoni ghalkemm dan ma sehhx b'success. Mid-dokumenti li gew ipprezentati kif ukoll ix-xhieda ta' Gordon Micallef it-Tribunal jara li s-socjeta attrici irnexielha tipprova t-talba taghha ghal ammont ta' €1,163.49.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici  u konsegwentement jikkundanna lil-konvenut jhallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' elf mija u tlieta u sittin euro u disgha u erbghin centezmu (€1,163.49), bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena mill-5 ta' Dicembru 2022[1] sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri,  ghandhom jithalsu mill-konvenut.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**
**GUDIKATUR**

[1]Data tal-ittra ufficjali 3199/2022